Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2021/2179(INI)

8.2.2022

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali
(2021/2179(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Jordi Cañas

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali
(2021/2179(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali" (COM(2021)0778),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021)0101),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Il-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna" (COM(2021)0500),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu" (COM(2016)0733),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni" (COM(2011)0682),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' soċjetajiet kooperattivi fl-Ewropa (COM(2004)0018),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku[1],

– wara li kkunsidra l-Impenn Soċjali ta' Porto, iffirmat mill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill, mill-President tal-Parlament Ewropew u mir-rappreżentanti tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021, approvata mill-Kunsill Ewropew,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar "Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa",

[1] ĠU L 094, 28.3.2014, p. 65.

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021 dwar kontinent xiħ li qed jixjieħ – possibilitajiet u sfidi relatati mal-politika dwar it-tixjiħ wara l-2020[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar ir-rwol tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fil-ħolqien tal-impjiegi u fir-riattivazzjoni tal-persuni qiegħda[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-Istatut għall-intrapriżi soċjali u dawk ibbażati fuq is-solidarjetà[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-Intraprenditorija Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-Istatut għal impriża mutwa Ewropea[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tal-20 ta' Novembru 2012, dwar l-"Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni"[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali[11],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2022 dwar "Strumenti finanzjarji innovattivi bħala parti mill-iżvilupp ta' kumpaniji b'impatt soċjali",

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-1 ta' Lulju 2021 dwar "Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali" (CDR 5860/2020),

– wara li kkunsidra n-nota ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-2022 dwar kif isir l-aħjar użu

---

[2] ĠU C 116, 31.3.2021, p. 162.
[3] Testi adottati, P9_TA(2021)0347.
[4] ĠU C 345, 16.10.2020, p. 2.
[5] ĠU C 118, 8.4.2020, p. 145.
[6] ĠU C 316, 22.9.2017, p. 224.
[7] ĠU C 75, 26.2.2016, p. 34.
[8] ĠU C 75, 26.2.2016, p. 11.
[9] ĠU C 36, 29.1.2016, p. 111.
[10] ĠU C 419, 16.12.2015, p. 42.
[11] ĠU C 76E, 25.3.2010, p. 16.

mill-kontribut tal-ekonomija soċjali għall-ekonomija ċirkolari,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Gvernijiet Lokali dwar Politiki għal Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà ppubblikati mill-Istitut tar-Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Soċjali fl-2021,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0000/2022),

A. billi l-ekonomija soċjali tinkludi diversi tipi ta' entitajiet privati, indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi, bħal kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, assoċjazzjonijiet (inklużi organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet, intrapriżi soċjali, u forom legali oħra, kollha kkaratterizzati minn prinċipji u karatteristiċi operattivi u organizzattivi differenti bħas-supremazija tan-nies kif ukoll l-iskop soċjali fuq il-profitt, l-investiment mill-ġdid tal-biċċa l-kbira tal-profitti/bilanċi pożittivi, u l-governanza demokratika jew parteċipattiva;

B. billi l-ekonomija soċjali kellha rwol importanti fil-mitigazzjoni u l-indirizzar tal-impatti fuq terminu qasir u twil tal-COVID-19 fuq is-suq soċjali, is-soċjetà u l-ekonomija tal-UE u xprunat u kkontribwiet għar-reżiljenza soċjali u ekonomika bis-saħħa tal-orjentazzjoni fit-tul tal-mudell tan-negozju tal-Pilastru Ewropew u n-natura tad-drittijiet soċjali u l-miri u l-attivitajiet tal-ekonomija soċjali[12];

C. billi l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali għandhom storja twila fil-maġġoranza tal-Istati Membri, li l-biċċa l-kbira tagħhom adottaw liġijiet speċifiċi f'dan il-qasam, u stabbilixxew ruħhom bħala atturi kruċjali tas-suq;

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Ekonomija Soċjali (SEAP), il-prinċipji gwida li jiddefinixxu l-ekonomija soċjali stabbiliti fih, l-impetu politiku li jipprovdi għall-iżvilupp tagħha, u l-ġid ta' miżuri mħabbra fih;

2. Jemmen, madankollu, li jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri konkreti u miżuri ta' segwitu għall-kisba ta' kull objettiv u li jiġu spjegati aktar l-interkonnessjonijiet bejn il-miżuri; iqis li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit kalendarju għall-azzjonijiet kollha inklużi fis-SEAP, bil-ħsieb li l-awtoritajiet rilevanti jiġu ggwidati fl-implimentazzjoni;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali, biex jissimplifikaw id-dimensjoni tal-ekonomija soċjali fil-politiki, il-programmi u l-prattiki rilevanti;

4. Itenni t-talba tiegħu[13] biex il-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" jiġi stabbilit bħala prinċipju gwida fit-tfassil ta' leġiżlazzjoni futura u fl-adozzjoni ta' politiki, sabiex l-ekosistema tal-Unjoni ssir aktar kompetittiva u ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet

[12] OECD (2020), Social economy and the COVID-19 crisis: current and future roles (L-ekonomija soċjali u l-kriżi tal-COVID-19: rwoli attwali u futuri).
[13] B'mod notevoli, fost l-oħrajn, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar strateġija ġdida għall-SMEs Ewropej u dik tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar l-idoneità regolatorja Ewropea u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

mikro, żgħar u ta' daqs medju kemm fi ħdan kif ukoll barra l-ekonomija soċjali;

Ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-ekonomija soċjali

5. Ifakkar lill-Istati Membri li d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku (id-Direttiva 2014/24/UE) tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jużaw l-akkwist pubbliku biex isegwu objettivi ambjentali u soċjali, u, b'mod partikolari, tippermetti proċeduri ta' offerti riżervati għal organizzazzjonijiet li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità jew gruppi żvantaġġati oħra fil-forza tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi jikkunsidraw l-akkwist pubbliku soċjalment u ambjentalment responsabbli bħala investiment fin-nisġa soċjoekonomika b'potenzjal kbir li jgħaqqad l-objettivi soċjali u kompetittivi;

6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw b'mod sistematiku strateġiji mmirati lejn l-iżvilupp ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, biex b'hekk tiġi stabbilita rabta bejn l-oqsma ta' politika bejn l-għoti ta' servizzi u prodotti u l-kontribut għall-objettivi soċjali; iqis li t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku trid tkun akkumpanjata minn inizjattivi biex jiżdied l-għarfien dwar ir-relazzjoni bejn l-infiq pubbliku u l-kontribut tiegħu għall-kisba tal-SDGs, u biex tinbena l-kapaċità fost l-uffiċjali tal-akkwist pubbliku u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali; iħeġġeġ lill-uffiċjali tal-akkwist pubbliku biex iwettqu konsultazzjonijiet qabel it-tqegħid fis-suq qabel ma jfasslu dokumenti tal-offerti, bil-għan li jifhmu aħjar il-ħtiġijiet eżistenti u kif l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jilħquhom;

7. Jilqa' l-inizjattivi eżistenti fl-Istati Membri biex jipprovdu lill-ħaddiema interessati fil-proċess ta' akkwiżizzjoni u l-kooperattivi li joħorġu mill-akkwiżizzjonijiet tal-ħaddiema b'konsulenza legali, appoġġ finanzjarju, appoġġ fit-tħejjija ta' pjanijiet ta' negozju, data meħtieġa għal investituri esterni u strutturi ta' appoġġ għan-negozji; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu dan is-suġġett fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-2023 sabiex jappoġġaw aktar dawn l-inizjattivi fil-livell reġjonali u nazzjonali;

8. Jilqa' r-rapport imħabbar dwar l-estensjoni possibbli tat-Tassonomija tal-UE għall-Finanzi Sostenibbli għall-objettivi soċjali; iqis li t-tassonomija tal-UE jeħtieġ li tkopri l-fatturi soċjali, mingħajr ma toħloq piż sproporzjonat wisq fuq in-negozji, peress li tista' tkun xprun għall-investiment fil-qasam tal-ekonomija soċjali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sħubijiet għall-bini tal-kapaċità u ftehimiet formali man-networks tal-ekonomija soċjali sabiex jipprovdu lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali b'servizzi ta' konsulenza bħal mentoraġġ u kkowċjar imfassla apposta, il-finanzjament tal-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u l-edukazzjoni, l-inkubazzjoni tas-servizzi u n-networking għall-bini tal-kapaċità;

10. Jenfasizza r-rwol ewlieni li t-teknoloġiji l-ġodda jista' jkollhom fl-iżvilupp u l-espansjoni tal-proġetti tal-ekonomija soċjali u l-importanza li l-intraprendituri soċjali jingħataw aċċess prijoritarju għall-programmi ta' taħriġ dwar il-ħiliet diġitali u t-teknoloġiji avvanzati, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw kif in-negozji ewlenin u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jikkooperaw f'dak ir-rigward;

11. Iqis li huwa ta' dispjaċir li l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali ma jidhrux bl-

istess mod bħal negozji aktar konvenzjonali fil-kurrikuli tal-edukazzjoni skolastika ġenerali u l-intrapriża tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni kummerċjali[14]; fid-dawl ta' dan, jistieden lill-korpi rappreżentattivi tas-settur u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jirrevedu u jevalwaw il-kurrikuli u jressqu rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-istituzzjonijiet akkademiċi;

Sfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-istrumenti tal-UE biex l-ekonomija soċjali tiffjorixxi

12. Jinnota l-possibilitajiet offruti taħt InvestEU biex tiġi appoġġata l-ekonomija soċjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jfasslu prodotti finanzjarji mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-qafas tat-tieqa tal-Investiment Soċjali u l-Ħiliet u jallokaw biżżejjed riżorsi għal dawn il-prodotti; jinnota li jeħtieġ jiġu żviluppati kriterji ta' eliġibbiltà sodi biex jiġu mmirati l-intermedjarji finanzjarji li jappoġġaw b'mod speċifiku l-ekonomija soċjali u jqis li s-servizzi ta' konsulenza għandhom jsiru disponibbli taħt iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal ta' dawn l-intermedjarji finanzjarji li jisfruttaw il-programm InvestEU; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li prodotti finanzjarji oħra ta' InvestEU bħal dawk immirati lejn l-SMEs isiru aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, li ħafna minnhom huma organizzazzjonijiet mikro, żgħar u ta' daqs medju;

13. Jistieden lill-Kummissjoni, fl-okkażjoni tar-reviżjoni li jmiss tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER), tqis b'mod adegwat il-ħtiġijiet speċifiċi tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali f'termini ta' aċċess għall-finanzi u l-iżvilupp tas-suq, issaħħaħ ir-rwol tal-għajnuna mill-Istat fil-promozzjoni tar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati, speċjalment fil-kuntest tal-irkupru wara l-COVID-19, u tesplora għażliet differenti bbażati fuq l-evidenza, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex tappoġġa l-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali;

14. Jilqa' l-użu ta' finanzjament immirat tal-UE għal proġetti mmirati biex jiżviluppaw u jippermettu t-trasferiment ta' intrapriżi lill-impjegati tagħhom u b'hekk il-kontinwità tan-negozju, inkluż permezz ta' akkwiżizzjoni minn kooperattiva tal-ħaddiema[15];

Lejn implimentazzjoni effettiva tas-SEAP

15. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-proposta ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali li għandha tiġi approvata fl-2023; jemmen li din għandha sservi bħala boxxla biex jissaħħu l-oqfsa legali u ta' politika tal-ekonomija soċjali, speċjalment fl-Istati Membri fejn l-ekosistema tal-ekonomija soċjali hija inqas żviluppata, u għandha tenfasizza b'mod ċar l-istrumenti ta' appoġġ magħmula disponibbli mill-UE u tipprovdi gwida fir-rigward ta' politiki speċifiċi bħall-akkwist pubbliku, l-impjiegi u l-politiki soċjali, it-tassazzjoni, l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-taħriġ u

[14] Eurofound (2019), Labour market change (Bidla fis-suq tax-xogħol). Cooperatives and social enterprises: work and employment in selected countries (Kooperattivi u intrapriżi soċjali: xogħol u impjieg f'pajjiżi magħżula).

[15] Pereżempju, il-"Mudelli ta' Trasferiment ta' Negozji Innovattivi għal Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku" tal-Interreg, l-użu tal-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-proġetti pilota tal-Parlament Ewropew dwar it-trasferiment lejn il-kooperattivi u s-salvataġġ tal-impjiegi.

l-importanza li tinħoloq rabta bejn l-ekonomija ċirkolari u l-aġendi tal-ekonomija soċjali;

16. Iqis li huwa ta' dispjaċir li t-talbiet passati tal-Parlament lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jippermettu lis-soċjetajiet mutwi, lill-assoċjazzjonijiet u lill-fondazzjonijiet jaġixxu fuq skala Ewropea u transfruntiera ma wasslu għall-ebda bidla leġiżlattiva, u b'hekk idgħajfu l-mudell soċjali Ewropew u jfixklu l-ikkompletar tas-suq uniku; jissuġġerixxi, fid-dawl tat-tieqa ta' opportunità miftuħa mis-SEAP, kif ukoll l-attivitajiet tal-Kumitat tal-Monitoraġġ tad- Dikjarazzjoni tal-Lussemburgu, li tinkludi l-maġġoranza tal-Istati Membri, li tiġi esplorata kooperazzjoni msaħħa bħala għodda biex jiġi miġġieled l-istaġnar msemmi hawn fuq li ilu hemm għal għexieren ta' snin;

17. Jinnota li l-potenzjal sħiħ tas-settur tal-ekonomija soċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjoekonomiċi jeħtieġ identifikazzjoni ċara tal-prijoritajiet soċjali mill-awtoritajiet pubbliċi; jenfasizza li l-proġetti tal-ekonomija soċjali ġeneralment jirrikjedu sħubija mill-qrib ma' entitajiet pubbliċi, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, fi ħdan il-qafas ta' governanza makroekonomika pprovdut fil-livell tal-UE, strateġija ta' investiment soċjali fejn il-prijoritajiet soċjali huma identifikati b'mod ċar u li tista' tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali;

18. Jilqa' t-tnedija mħabbra ta' studju ġdid biex tinġabar informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-ekonomija soċjali fl-Istati Membri kollha; jinnota li jeħtieġ li tiġi ġġenerata data dettaljata, standardizzata, komparabbli u affidabbli dwar l-iskala u l-impatt tal-ekonomija soċjali bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati deċiżjonijiet ta' politika bbażati fuq l-evidenza, li tibqa' valida fil-futur l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u li tikkontribwixxi għall-għanijiet ekonomiċi u soċjali tal-UE;

19. Jistieden lill-Istati Membri jaħtru koordinaturi tal-ekonomija soċjali u jistabbilixxu punti ta' kuntatt lokali tal-ekonomija soċjali bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament, inkluż il-finanzjament tal-UE;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi taskforce ta' implimentazzjoni għas-SEAP u xxerred il-kompożizzjoni tiegħu u l-iskeda ta' żmien għall-azzjoni;

°

° °

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Fl-Ewropa, l-ekonomija soċjali storikament tqieset bħala għodda biex tindirizza l-fallimenti tas-suq u tal-istat. Iżda f'dawn l-aħħar żewġ deċennji, il-fehim ta' x'tinvolvi l-ekonomija soċjali twessa'.[1] L-ekonomija soċjali wriet li tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u għat-trawwim ta' sens ta' komunità u kapital soċjali[2], u li tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà bħal kwistjonijiet ambjentali, is-sovranità tal-ikel u l-provvista ta' kura u kura tas-saħħa aċċessibbli u ta' kwalità.[3] U matul il-pandemija tal-COVID-19, l-ekonomija soċjali wriet ukoll il-punti b'saħħithom u l-kapaċità tagħha li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment għall-persuni vulnerabbli. Barra minn hekk, uriet ukoll kif tnaqqas id-disparitajiet soċjali u ekonomiċi u tagħti ħajja ġdida lill-komunitajiet lokali, fejn dawn l-organizzazzjonijiet għandhom għeruq fondi.

Fil-livell internazzjonali, saru sforzi biex tinftiehem aħjar u ssir viżibbli l-firxa sħiħa ta' benefiċċji li l-ekonomija soċjali tista' ġġib għall-ekonomija u s-soċjetà. Bħala eżempju, in-Nazzjonijiet Uniti ħolqot it-Task Force Interaġenzjali tagħha dwar l-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà għaxar snin ilu biex tikkunsidra mill-ġdid l-iżvilupp fid-dawl tad-diversi kriżijiet u fil-kuntest tal-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015 li ma tatx biżżejjed attenzjoni lill-ekonomija soċjali[4].

L-ekonomija soċjali għalhekk qed issir dejjem aktar rikonoxxuta bħala mod differenti ta' organizzazzjoni tal-ekonomija, jew, kif qal is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, bħala mudell alternattiv ta' tkabbir bil-għan li jinstab bilanċ ġdid bejn l-effiċjenza ekonomika u r-reżiljenza soċjali u ambjentali. Is-Segretarju Ġenerali qal ukoll li l-ekonomija soċjali u solidali trawwem dinamiżmu ekonomiku, protezzjoni soċjali u ambjentali, u emanċipazzjoni soċjopolitika[5].

Minbarra l-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti[6], l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) rrikonoxxiet ukoll il-kontribut tal-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni soċjali għall-ħolqien ta' ekonomiji u soċjetajiet aktar inklużivi, kreattivi u sostenibbli u fl-2020 nediet l-Azzjoni Globali "Promoting Social and Solidarity Economy Ecosystems" (Il-Promozzjoni tal-Ekosistemi tal-Ekonomija Soċjali u tas-Solidarjetà). Dan il-proġett se jappoġġa l-iżvilupp u l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija soċjali fil-pajjiżi kollha tal-UE kif ukoll fil-Brażil, il-Kanada, l-Indja, il-Korea, il-Messiku u l-Istati Uniti tal-Amerka.

---

[1] Gorgi Krlev, Giulio Pasi, Dominika Wruk u Marika Bernhard (2021), "Reconceptualizing the Social Economy" (Rikunċettwalizzazzjoni tal-Ekonomija Soċjali), Stanford Social Innovation Review.
[2] *Ibid*.
[3] Bénédicte Fonteneau u Ignace Pollet (eds), (2019), The contribution of the social and solidarity economy and social finance to the future of work (Il-kontribut tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà u l-finanzi soċjali għall-futur tal-impjiegi), Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol, Ġinevra.
[4] https://unsse.org/about/
[5] Rapport tas-Segretarju Ġenerali (2021), "Socially just transition towards sustainable development: the role of digital technologies on social development and well-being of all" (Tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn żvilupp sostenibbli: ir-rwol tat-teknoloġiji diġitali dwar l-iżvilupp soċjali u l-benesseri ta' kulħadd), Kummissjoni għall-Iżvilupp Soċjali, 8-17 ta' Frar 2021, Nazzjonijiet Uniti.
[6] Fis-sistema tan-NU b'mod ġenerali, ta' min isemmi li l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għażlet is-suġġett ta' xogħol deċenti u l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà għad-diskussjoni tagħha għall-110 sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol, skedata għall-2022.

F'dan l-isfond favorevoli ħafna, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali tant mistenni fid-9 ta' Diċembru 2021. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jibni fuq l-esperjenza ta' għexieren ta' snin ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati u l-esperti rilevanti f'dan il-qasam. Il-pjan jirrikonoxxi, għal darb'oħra, il-potenzjal trasformattiv tal-ekonomija soċjali u l-approċċ tagħha lejn l-ekonomija ċċentrat fuq in-nies u sensittiv għall-pjaneta.

Ir-rapporteur ta' dan ir-rapport fuq inizjattiva proprja organizza firxa wiesgħa ta' konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tat-Task Force tan-NU, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Istati Membri u r-rappreżentanti reġjonali, kif ukoll l-akkademiċi, sabiex iħejji xogħlu. Ir-rispons li wasal dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali kien ġeneralment pożittiv. Ir-rapporteur jifraħ lill-Kummissjoni għall-ħidma tagħha. Madankollu, kif innutat fl-iskambji mal-atturi msemmija hawn fuq, għad hemm lok biex it-test jiġi kkomplementat u biex jiġi ffaċilitat il-fehim u r-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali, tingħata spinta lill-iżvilupp tagħha u jsir progress lejn implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE.

Filwaqt li jibni fuq dawk il-konsultazzjonijiet, il-kunsens istituzzjonali eżistenti u t-testi (inkluż mill-Parlament innifsu) u r-riċerka dwar l-aħjar prattiki fil-qasam tal-ekonomiji soċjali minn reġjuni u pajjiżi differenti tal-UE, dan ir-rapport għandu tliet objettivi. L-ewwel nett jipprova jagħti sehmu fil-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-ekonomija soċjali. It-tieni, jesplora kif jista' jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija soċjali, u t-tielet, jindirizza l-kwistjoni ewlenija: kif jista' l-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat b'mod effettiv? Billi jiġu indirizzati dawn il-punti, ir-rapporteur jittama li l-ħidma tal-Parlament Ewropew f'dan ir-rapport tgħin l-ekonomija soċjali tirnexxi fl-għaxar snin li ġejjin.